MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Rikors Numru. 45/1997/1

**Rikors Nru: 45A/97**

**Romeo u Doris konjugi Falzon**

**vs**

**Godwin u Carmen konjugi Mifsud**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti jikru lill-intimati appartament numru 8 mnn korp ta' bini esternament numerat 59 f'Psaila Street, B'Kara u dan bil-kera ta' Lm46 fis-sena li jithallsu bis-sitt xhur bil-quddiem.

Illi l-iskadenza li tmiss tavvera ruhha fl-1 ta' Lulju 1995.

Illi fil-fehma tal-esponenti l-kera presenti hija manifestament baxxa b'mod li hemm lok ta' zieda fil-kera.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi l-kera gusta relattivament ghal dan il-fond.

Ra r-risposta

Illi l-kera tal-fond 59/8, Psaila Street, B'Kara huwa wiehed gust u jimmerita konferma.

Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom.

Ikkunsidra,

1. Il-fond in kwistjoni hu mikri Lm46 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem.

2. Billi l-kera taqbez l-erbghin lira (Lm40) fis-sena l-procedura kellha tkun regalata mill-artikolu 14 (2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta

"…meta l-kera huwa izjed minn erbghin lira fis-sena, sid il-kera li jkun irid jgholli l-kera jew jaghmel kondizzjonijiet godda, ghandu fi zmien ta' xahar hawn fuq imsemmi jgharraf lill-kerrej b'dan il-hsieb tieghu, bil-mezz ta' ittra ufficjali, u jekk il-kerrej ikun irid jopponi dak il-gholi jew dawk il-kondizzjonijiet godda, ghandu jaghmel rikors lill-Bord sabiex dak il-gholi jew dawk il-kondizzjonijiet godda, jigu michuda; fin-nuqqas ta' dan ir-rikors, iz-zieda jew il-kondizzjonijiet godda proposti jitqiesu li gew accettati mill-kerrej".

3. F'dan il-kaz is-sidien ghamlu r-rikors fejn talbu zieda fil-kera, minflok ittra ufficjali li warajha l-kerrejja kienu jaghmlu r-rikors. Imxew skond l-art 14 (1).

4. Billi procedura hi ta' ordni pubbliku l-Bord qed iqajjem il-punt tan-nullita' hu stess.

Ghalhekk il-Bord jiddikjara l-proceduri irriti u nulli u jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gjudizzju. Billi dawn il-proceduri baqghu sejrin u hadd ma ntebah bid-difett procedurali, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dep./Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------